

# Nani
# – Il-familja wara l-*Beate Juliane*

Kitba ta' Clifford Galea



Minkejja d-daqs tagħha, Malta għandha patrimonju mużikali ddokumentat li jmur lura sew fiż-żmien. Il-mużika sagra u dik profana minn dejjem kienet taffaxxina lil ħafna nies tas-soċjetà Maltija. Fost numru ta' mużiċisti Maltin li għamlu isem lil pajjiżna f'dan il-qasam insibu dawk ġejjin mill-familja Beltija -Nani.

Fil-fatt, Angelo Nani kien l-ewwel membru tal-familja Nani li stabilixxa ruħu ġewwa Malta wara li telaq minn Venezja fl-1766. Angelo kien ta' dixxendenza nobbli Venezjana u vjolinist mill-aqwa. Ġie Malta biex jieħu sehem f'kunċert u fil-fatt kien impressjona sew lill-Gran Mastru Pinto tant li kkonvinċieh jibqa' f'pajjiżna u jaħdem ta' vjolinist mal-Ordni ta' San Ġwann. Emanuele Nani, iben Angelo, segwa l-passi ta' missieru. Kien kompożitur imfittex fi żmienu u vjolinist imsemmi bħal missieru. Tant għamel suċċess fl-Italja, li Emanuele Nani sar magħruf bħala *Nani Divino* jew *L'illustre Nani*.

## Dottor Paolo Nani – l-awtur taż-żewġ antifoni *Beate Juliane*



Però kien Dottor Paolo Nani li baqa' magħruf bħala wieħed mill-aqwa kompożituri Maltin tas-seklu dsatax. Twieled il-Belt Valletta fit-18 ta' Novembru 1814, minn Dott. Giuseppe u Caterina née Recau. Angelo Nani kien jiġi nannuh. Sa minn ċkunitu ġie indirizzat lejn il-linja ta' avukat bħal missieru u fil-fatt iggradwa bħala Duttur tal-Liġi Ċivili fl-Università ta' Malta fl-1832 meta kellu biss 18-il sena. Dan ma naqqas xejn mill-passjoni li kellu lejn il-mużika. Fl-1834 iżżewweġ lil Maddalena née Cuschieri. Kellhom żewġt itfal, fosthom Anton, li l-quddiem ukoll kiseb fama bħala kompożitur ta' kalibru u suċċessur ta' missieru fit-tmexxija tal-Cappella Nani. Studja l-mużika ma' Dun Giuseppe Burlò (1772-1856)

u Emanuele Muscat (1790- 1837) f'Malta, u wara, fl-1833 mar ikompli l-istudji tiegħu fil-Konservatorju *San Pietro a Majella* f'Napli taħt il-gwida ta' wħud mill-aqwa mużiċisti Taljani ta' dak iż-żmien: fosthom, Nicola Antonio Zingarelli (1752-1837), Giovanni Furno u Francesco Ruggi (1767-1845).



Jingħad li waqt li kien Napli, Nani kellu ħbiberija mal-kompożitur operistiku illustri Gaetano Donizetti (1797- 1848) u li dan kellu impressjoni tajba ħafna tax-xogħlijiet ta' Nani. Meta rritorna Malta fl-1839 fl-età ta' 25 sena, Nani waqqaf il-*Cappella di Musica* tiegħu biex permezz tagħha jagħti servizz waqt il-liturġija fil-knejjes Maltin. Għaqqad orkestra minn mużiċisti li kienu ingaġġati fit-Teatru Manoel, u beda jikteb il-mużika liturġika li kellu bżonn. Kien sewwa sew f'dan iż-żmien li huwa ġie inkarigat bis-servizzi mużikali fil-Bażilika tal-Patrijiet Karmelitani u fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu – it-tnejn fil-Belt Valletta.

Dan huwa meqjus bħala l-bidu ta' fenomenu ġdid fil-mużika sagra Maltija. Fl-epoka Romantika żviluppat prattika mużikali kemxejn partikolari f'Malta fejn ftit kien baqa' distinzjoni stilistika bejn il-mużika sagra u dik profana. Ġurnali ta' dak iż-żmien jiddefinixxu l-mużika ta' Nani hekk: '*The cappella became extremely popular; with a cult following that verged on hysteria.*'



Paolo Nani kien katalist ta' dan l-istil ġdid f'pajjiżna. Il-formazzjoni akkademika tiegħu fid-dinja operistika ta' Napli żgur kellha impatt fuqu u wasslitu biex ikollu parti daqshekk importanti fl-iżvilupp ta' ġeneru li żewweġ il-mużika liturġika mal-opra. Il-mużika ta' Nani hija deskritta bħala mużika li hija rikka fil-melodija kif ukoll fl-orkestrazzjoni, speċjalment fejn jidħlu l-istrumenti tar-ram.

Il-fattur illi iddistingwa l-mużika ta' Paolo Nani minn dik ta' kompożituri Maltin oħra stabbiliti huwa l-użu liberali tiegħu tal-istrumenti tar-ramm – strumenti li qabel kellhom użu limitat ħafna fil-mużika liturġika. Filwaqt li l-antifoni kienu ilhom jiġu mmużikati sa miż-żminijiet tal-kant Gregorjan, nistgħu ngħidu li f'Malta tas-seklu dsatax servew bħala l-bieb li minnu l-opra daħlet fil-knejjes tagħna. Matul il-karriera twila tiegħu, Paolo Nani kien *Maestro di Cappella* ta' ħafna knejjes Maltin. Sorsi dokumentati jgħidulna li fl-aqwa tagħha, il-Cappella Nani kienet tipprovdi servizzi 'il fuq minn għoxrin knisja!

Minbarra l-impenji tiegħu fil-knejjes, Nani kien ukoll għalliem tal-mużika f'diversi skejjel filwaqt li bejn l-1841 u l-1887 kien ukoll *maestro concertatore* (għalliem tal-kor) fit-Teatru Manoel u wara anke fit-Teatru Rjal.

Paolo Nani kien kompożitur ta' fama, tant illi matul il-karriera tiegħu kiteb 'il fuq minn 250 xogħol li saħħru bi ġmielhom lill-poplu Malti, sew dawk li kienu jattendu għaċ-ċerimonji reliġjużi kif ukoll dawk li segwew xogħlijiet profani li kienu jsiru fit-teatri fil-Belt Valletta. Nani għadu sal-lum imfakkar l-aktar għall-antifoni tal-festi li l-għadd tagħhom jilħaq il-ħamsa u tletin – ewlenin fosthom *Sancte Paule* – Belt Valletta (1840), *Flos Carmeli* – Karmelitani, Belt Valletta (1861), *Gloriosae Virginis Mariae* - Naxxar (1868), *Ego Sum*

- Siġġiewi (1875), u *Beata Mater* – Agostinjani, Belt Valletta (1881). Wara dawn l-antifoni kien imiss li jħalli 2 antifoni lill-Parroċċa Ġiljaniża, waħda miktuba 125 sena ilu u oħra li rregala ftit snin wara iżda li kien ikkompona fl-1847.

### (1) ANTIFONA *Beate Juliane* (1893)

L-antifona hi mdawra b'ċirkustanzi mċajprin minħabba nuqqas ta' dokumentazzjoni valida. Is-subborg ta' San Ġiljan kien għadu kif inqata' parroċċa għalih f'Settembru tal-1891. F'dak iż-żmien, San Ġiljan, raħal ta' ftit sajjieda u bdiewa jgħixu mal-għeżież tagħhom fl-irziezet u l-għarajjex imxerrdin 'l hawn u 'l hinn, fis-sajf kien jimtela' b'ħafna villeġġanti, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu jkunu nies benestanti ġejjin mill-ibliet. Fost dawn kien hemm ċertu Salvatore Mattei, li proprju twieled u għex il-Belt. Kien hu li kkummissjona lil Karlozzu biex jaħdimlu vara tal-Qaddis biex jiddonaha lill-paroċċa l-ġdida. Dil-ġrajja hi msaħħa mill-att notarili datat 19 ta' Ottubru 1892 li bih kien sar il-ftehim fuq kif kellha tiġi l-istatwa proċessjonali ta' San Ġiljan. Din kienet twasslet ir-raħal b'sollenità kbira fit-13 ta' Awwissu 1893. L-antifona ta' Nani setgħet inkitbet biex tiċċelebra dawn iż-żewġ avvenimenti f'daqqa. Jidher iżda li, din ma laħqitx l-aspettattiva tal-parruċċani, li fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu villeġġanti għonja u kolti mdorrijin jisimgħu l-mużika ta' Nani fl-aqwa tiegħu fit-teatri u l-knejjes ġewwa l-Belt. Dun Ġwann Galea hu tal-fehma li, il-mod kif inkitbet din l-antifona, kienet intiża 'għall-festa ta' parroċċa żgħira, għadha tilħaq u allura mingħajr tradizzjonijiet u mingħajr ambizzjoni ta' paraguni ma' xogħlijiet ta' ħaddieħor.' Hu jżid jgħid li, fiha m'hemmx 'il-maestożità u solennità tal-antifoni l-kbar ta' Dr. Paolo Nani, marbutin ma' rittmi mimlija ħajja … u melodiji li jolqtuk.' Seta' kien hemm ukoll xi forma ta' interessi oħra li ma nafux bihom, imma din hi biss spekulazzjoni. Ġara x'ġara, il-Ġiljaniżi ta' dak iż-żmien ippreferew waħda aktar fuq stil operestiku peress li dawn kienu ħafna moda fil-knejjes lejn l-aħħar tas-seklu 19.




Meta Nani ra li l-antifona tiegħu tal-1893 għal xi raġuni ma ntlaqgħetx mill-Ġiljaniżi ta' dak iż-żmien, iddeċieda li minflok jiddedikaha lil *Santi Crispino e Crispiniano* billi biddel it-test u żamm l-istess mużika. M'għandniex dokumenti f'idejna li jistgħu juruna meta Nani ddeċieda li jagħmel hekk, imma żgur wara li kienet seħħet il-bidla tal-antifona tal-1893 għal m'oħra tal-1847, li hija eqdem fid-data, imma aktar żagħżugħa fl-ispirtu. U peress li hu kien *Maestro di Cappella* tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, bilfors li kellu rabtiet mill-qrib mal-konfraternità tal-aħwa Martri Qaddisin Krispin u Krispinjanu. Dil-fratellanza kienet ilha mwaqqfa' sa mill-1614. Fil-fatt, dawn il-Qaddisin għadhom jiġu meqjuma sal-ġurnata tal-lum fil-Knisja Insinji Kolleġġjata-Urbana, Veskovili, u Parroċċa Matriċi, Arċipretali u Prinċipali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta A.D. 1570, fejn għadha tiġi wkoll iċċelebrata b'sollenità l-festa tagħhom nhar il-25 ta' Ottubru.

Tabella li turi kf inhi mqassma l-antifona *Beate Juliane* (1893)

| Taqsima | Test | Battuti | Rimarki |
|---|---|---|---|
| | | 01-15$^{2}$ | Introduzzjoni |
| A | (a) *Beate Juliane* | 15$^{3}$-23$^{2}$ | |
| | (b) *Protector Sanctissime* | 23$^{3}$-35$^{2}$ | |
| | (a$^{1}$) *Beate Juliane* | 35$^{3}$-48 | |
| | | 49-51 | Codetta |
| B | (ċ) | 52-69 | Solo Kurunetta |
| | (d) *Deprecare Pro Nobis* | 70-85 | |
| | (e) | 86-88 | Passaġġ ħolqa |
| | (f) *Filium Dei* | 89-106 | |
| | | 107 biss | Pawsa ġenerali |
| A$^{1}$ | (ġ) | 108-112$^{2}$ | Introduzzjoni |
| | (g) *Beate Juliane* | 112$^{3}$-121 | |
| | (għ) *Deprecare Pro Nobis Filium Dei* | 122-145 | |
| | (h) | 146-154 | Koda |

## (2) ANTIFONA *Beate Juliane* (1847)



Meta Dr. Paolo Nani ġie biex jikteb l-Antifona *Beate Juliane* fl-1847, kien għadu fil-bidu tal-karriera professjonali tiegħu. Oriġinarjament, din l-Antifoni kienet inkitbet għall-festa ta' San Dimitri ġewwa l-Isla, tant li fuq il-manuskritt li hemm arkivjat fil-knisja ta' Lapsi nsibu mniżżel *Antifona Iste Sanctus scritta in occasione della festività di San Dimitrio nella Senglea*. Jidher li, din l-Antifona, minbarra t-test li għalih kienet inkitbet, kienet tintuża wkoll għal talanqas 12-il festa oħra, fosthom dik ta' San Ġiljan, li jista' jkun kienet tiġi ċċelebrata ġewwa l-Isla stess. Imma ġara li, maż-żmien dal-festi ma baqgħux jagħmlu użu minnha, bil-konsegwenza li baqgħet tindaqq biss ġewwa San Ġiljan.



Tabella li turi kif inhi mqassma l-antifona *Beate Juliane* (1847)

| | | |
|---|---|---|
| **Introduzzjoni**: | Battuti 01-08 | |
| **Taqsima A**: | | |
| *Beate Juliane* | Battuti 09-16 | Tema A |
| *Protector Sanctissime,* | Battuti 17-24 | Repetizzjoni Tema A$^1$ |
| | Battuti 25-28 | *Codetta* |
| **Taqsima B**: | | |
| | Battuti 29-30 | It-tliet minimi ħabbara |
| *Deprecare Pro Nobis* | Battuti 31-34 | Dikjarazzjoni parzjali ta'Tema B |
| | Battuti 35-42$^2$ | Tema B |
| *Filium Dei.* | Battuti 42$^3$-54$^2$ | Frażijiet (a) + (b) + (ċ) (Gruppi kadenzjali) |
| | Battuti 54$^3$-60$^1$ | Frażi (d) (Grupp kadenzjali) |
| | Battuti 60$^2$-63 | Passaġġ ħolqa |
| **Taqsima A$^1$**: | Battuti 06-28 | Tema A (Dal Segno % jew minn A sa B) |
| **Taqsima B$^1$**: | Battuti 64-65 | It-tliet minimi ħabbara |
| *Deprecare Pro Nobis* | Batutti 66-73 | Tema B |
| *Filium Dei.* | Battuti 74-78 | Frażi (d) modifikata (Grupp kadenzjali) |
| **KODA**: | | |
| *Alleluia.* | Battuti 79-97 | Gruppi kadenzjali |

Dottor Paolo Nani miet fit-23 ta' Marzu 1904 u l-funeral tiegħu sar l-għada fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Il-funeral tiegħu ġibed folol kbar ta' nies u dan kien jixhed il-popolarità li kien igawdi dan il-mużiċist magħruf. F'bijografija ppubblikata fis-sena 1904 stess, Mons. Luigi Farrugia jiddeskrivi lil Nani bħala *uno degli astri più fulgidi che splendettero nel cielo di Malta* (waħda mill-istilel li dawlet is-sema Malti).




### Antonio Nani – Maestro di Cappella ta' San Ġiljan

Iben Paolo, Antonio Nani twieled il-Belt Valletta fis-6 ta' Ottubru 1842. Missieru stess kien l-ewwel għalliem tiegħu tal-mużika. Wara studja għand Giuseppe Burlon u Giuseppe Spiteri Fremond, u kompla jistudja anke f'Napli bejn is-sena 1867 u 1877. Kif irritorna Malta, Mro Anton Nani kien diġà

kkunsidrat bħala l-aqwa surmast Malti tal-perjodu. Kiteb tliet opri liriċi li baqgħu jissemmew fir-repertorju vast tiegħu: Zorilla (1870), Agnese Visconti (1876) u I Cavalieri di Malta (1877). It-tliet opri nħadmu fit-Teatru Rjal.

L-istil ta' Nani kkonvinċa lill-udjenza kif ukoll lill-kritiċi. L-ewwel fost l-opri Maltin li ntwerew fir-Royal Opera House fi tmiem l-1877 insibu l-opra ta' Antonio Nani *I Cavalieri di Malta*. Skont gazzetta Maltija tad-19 ta' Jannar 1880, l-opra tant intgħoġbot, li ntalab encore għall-ħames arias sħaħ. Kif wasal lura minn Napli fl-1879, Anton Nani beda jassisti lil missieru fit-tmexxija tal-*Cappella Musicale* u fl-istess ħin kompla jikteb ħafna aktar mużika reliġjuża għall-użu fil-knejjes.




Fost xogħlijiet importanti nsibu Requiem (*b'dedika għall-memorja t'ommu*), Messa del Naufrago, O Salutaris Hostia u Laudate Pueri. Fl-1866, ir-Requiem ta' Antonio Nani ngħatat Medalja tad-Deheb fil-*London Universal Exhibition*. Wara l-1885 kiteb ħafna mużika profana u operistika minħabba l-popolarità li beda jkollhom l-attivitajiet mużikali fit-teatri. Iżda Anton Nani beda jaffaċċja l-problemi wara li fis-sena 1903, il-Papa Piju X ħareġ *Motu Proprio* bil-ħsieb li tiġi mrażżna l-influwenza ta' mużika operistika fuq il-mużika sagra.

Anton Nani pprotesta u ma riedx jobdi r-regoli ġodda maħruġa mill-Papa peress li l-identità mużikali tal-Cappella Nani kienet mibnija fuq l-għaqda tas-sagru mal-opra. Biex aċċetta għaddew ħames snin sakemm biddel l-istil f'dik li kellha x'taqsam il-mużika sagra.

Kien permezz tal-Messa in Fa, li Anton Nani kiseb tifħir kbir mingħand l-istess Papa għal din il-kompożizzjoni sagra li kienet konformi mar-regoli l-ġodda. Mro Anton Nani kien ukoll il-Maestro di Cappella f'diversi knejjes Maltin bħala suċċessur ta' missieru, Dott. Paolo Nani, fosthom tal-Parroċċa ta' San Ġiljan. Il-gazzetta - L'Osservatore Maltese kitbet hekk dwar ir-relazzjoni li kellhom Nani l-missier u l-iben; *Tajjeb tkunu tafu li tfaċċa surmast ieħor tal-Familja Nani. Dan huwa iben Paolo, Antonio Nani, li sa minn żgħożitu missieru, ħarrġu biex ikun jista' jieħu f'idejh u jiret il-Kappella Nani.*

Mro Antonio Nani miet fit-23 ta' Frar 1929.

**NB.** L-informazzjoni dwar iż-żewġ antifoni Beate Juliane huma meħuda mill-artiklu "L-antifona f'ġieħ San Ġiljan" ta' Mro. Manoel Pirotta fil-Ktieb tal-Festa tal-2016.